



Brussell, 4 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

13768/23

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0340(NLE)

---

**AELE 29  
EEE 24  
N 77  
ISL 39  
FL 20  
MI 813  
ENT 202  
CONSOM 344  
COMPET 947**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 4 ta' Ottubru 2023

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2023) 565 final

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem I-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE (Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u l-Konformità tal-Prodotti)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 565 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 565 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.10.2023  
COM(2023) 565 final

2023/0340 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat  
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u  
ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE**

**(Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u l-Konformità tal-Prodotti)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f’isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b’rabta mal-adozzjoni prevista tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim ŻEE**

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“*il-Ftehim ŻEE*”) jiggarrantixxi drittijiet u obbligi ugwali fl-ambitu tas-Suq Intern għaż-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi fiż-ŻEE. Jipprevedi l-inklużjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri l-erba’ libertajiet fit-30 Stat taż-ŻEE li jinkludu l-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein. Barra minn hekk, il-Ftehim ŻEE jkopri l-kooperazzjoni f’oqsma importanti oħra bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-turiżmu u l-kultura, kollettivament magħrufin bħala l-politiki “*ta’ appoġġ u orizzontali*”. Il-Ftehim ŻEE daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994. L-Unjoni flimkien mal-Istati Membri tagħha hija parti għall-Ftehim ŻEE.

#### **2.2. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa responsabbi għall-ġestjoni tal-Ftehim ŻEE. Huwa forum għall-iskambju ta’ fehmiet b’rabta mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu b’konsensus u huma vinkolanti fuq il-Partijiet. Ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni ta’ kwistjonijiet taż-ŻEE min-naħħa tal-UE hija tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

#### **2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mistenni jadotta d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (“*l-att previst*”) rigward l-emenda tal-Anness II (Regolamenti Tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE.

L-iskop tal-att previst huwa li jinkorpora r-Regolament dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti,<sup>1</sup> u r-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni li jispeċifika d-dettalji tad-data statistika li għandha tiġi ppreżentata mill-Istati Membri fir-rigward tal-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni fir-rigward tas-sikurezza u l-konformità tal-prodotti,<sup>2</sup> u r-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni li jispeċifika l-proċeduri għad-deżinjazzjoni tal-faċilitajiet tal-ittestjar tal-Unjoni għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq u l-verifika tal-konformità tal-prodotti<sup>3</sup> fil-Ftehim ŻEE.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011, ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1121 tat-8 ta’ Lulju 2021 li jispeċifika d-dettalji tad-data statistika li għandha tiġi sottomessa mill-Istati Membri fir-rigward tal-kontrolli tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni fir-rigward tas-sikurezza u l-konformità tal-prodotti, ĠU L 243, 9.7.2021, p. 37.

<sup>3</sup> Ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1267 tal-20 ta’ Lulju 2022 li jispeċifika l-proċeduri għad-deżinjazzjoni tal-faċilitajiet tal-ittestjar tal-Unjoni għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-verifika tal-konformità tal-prodotti skont ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 192, 21.7.2022, p. 21.

L-att previst isir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

### **3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F’ISEM L-UNJONI**

Il-Kummissjoni tippreżenta l-abbozz ta’ Deċiżjoni anness tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni, ladarba adottata, tiġi ppreżentata fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista’ jkun malajr.

L-abbozz ta’ Deċiżjoni anness tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jintroduċi adattamenti għall-Istati taż-ŻEE-EFTA, li jmorru lil hinn minn dawk li jistgħu jitqiesu bħala sempliċi adattamenti tekniċi fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

### **4. BAŻI LEGALI**

#### **4.1. Bażi legali proċedurali**

##### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li jistgħu “*jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”<sup>4</sup>.

##### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa korp stabbilit minn ftehim, jiġifieri l-Ftehim ŻEE. L-att, li l-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst isir vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implementazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

#### **4.2. Bażi legali sostantiva**

##### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 tiddependi primarjament fuq il-bażi legali sostantiva tal-att legali tal-UE li għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun identifikabbi bħala l-għan ewlieni, billi l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun ibbażata fuq

<sup>4</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew il-komponent ewljeni jew predominantni.

#### **4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ***

Billi d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tinkorpora r-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1) fil-Ftehim ŻEE, huwa xieraq li din id-deċiżjoni tal-Kunsill tiġi bbażata fuq l-istess bażi legali sostantiva bħall-att li huwa inkorporat. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta huma l-Artikoli 33 u 114 tat-TFUE.

#### **4.3. Konklużjoni**

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikoli 33 u 114 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE.

### **5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE se jemenda l-Anness II (Regolamenti Tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE, huwa xieraq li, wara l-adozzjoni tiegħi, jiġi ppubblifikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Proposta għal

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE**

**(Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u l-Konformità tal-Prodotti)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>5</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>6</sup> (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħi fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kunitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> u r-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1121<sup>8</sup> u r-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1267<sup>9</sup> jenħtieġ li jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

<sup>5</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

<sup>6</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011, ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1.

<sup>8</sup> Ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1121 tat-8 ta’ Lulju 2021 li jispeċifika d-dettalji tad-data statistika li għandha tiġi sottomessa mill-Istati Membri fir-rigward tal-kontrolli tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni fir-rigward tas-sikurezza u l-konformità tal-prodotti, ĠU L 243, 9.7.2021, p. 37.

<sup>9</sup> Ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1267 tal-20 ta’ Lulju 2022 li jispeċifika l-proċeduri għad-deżinjazzjoni tal-faċilitajiet tal-ittestjar tal-Unjoni għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-verifika tal-konformità tal-prodotti skont ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 192, 21.7.2022, p. 21.

- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*